MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 400/2003

**Turista Ltd**

**vs**

**Philip Cassar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Frar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u erbgha u tmenin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm384.22) rappresentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' xiri ta' fuel.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra interpellatorja datata 14 ta' Jannar 2002 u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data ta'l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenutipprezentata fl-4 ta’ April 2003 fejn huwa eccepixxa illi:
1. It-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur;
2. Is-somma imsemmija fl-avviz de quo mhux dovut;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal tal-4 ta’ April 2003 fejn, fid-dawl ta’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, kien gie ordnat l-inverzjoni tal-provi, b’dana ghalhekk illi l-konvenut kellu iressaq il-provi kollha tieghu in sostenn ta’l-eccezzjonijiet sollevati minnu.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Wara li ra l-verbali tas-seduti tal-21 ta’ Mejju 2003, tat-3 ta’ Dicembru 2003 u tas-16 ta’ Dicembru 2003, fejn il-konvenut naqas li jidher quddiem it-Tribunal u naqas ghalhekk illi iressaq il-provi kif ordnat u ghalhekk n-nota tal-mistoqsijiet ipprezentata fis-16 ta’ Dicembru 2003 tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ tlett mija u erbgha u tmenin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm384.22) bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------